MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 164/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Carmelo Caruana u l-istess Carmelo Caruana (ID 687261M)**

**vs**

**Mario Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija sitta u erbghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm446.07) rapprezentanti d-danni kollha sofferti kwantu ghall-ammont ta Lm 421.07 lis-socjeta' attrici assikuratrici u kwantu ghal Lm25 lill-istess attur Carmelo Caruana bhala rizultat ta' l-incident stradali li sehh fit-28 ta Frar 2004 bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni ABF 564 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BBA

252 liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni u negligenza da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-parir (Lm15) u tal-ittra ufficjali prezentata fit-2 ta' Novembru 2004 u tal-ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut oltre l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-precitata ittra ufficjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erbgha mija u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm446.07) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-precitata ittra ufficjali u bl-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali msemmija a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------